KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2010[1]

Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 4345

II — Il-kuntest ġuridiku ..... I - 4346

A — Ir-Regolament Nru 318/2006 ..... I - 4346

B — Ir-Regolament Nru 290/2007 ..... I - 4349

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari ..... I - 4350

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... I - 4351

V — L-argumenti tal-partijiet ..... I - 4352

A — L-ewwel domanda preliminari ..... I - 4352

B — It-tieni domanda preliminari ..... I - 4353

VI — Kunsiderazzjonijiet legali ..... I - 4356

A — Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 4356

B — L-ewwel domanda preliminari ..... I - 4357

C — It-tieni domanda preliminari ..... I - 4362

1. Ksur allegat tal-prinċipju ta' proporzjonalità ..... I - 4362

a) Kriterju għal analiżi ..... I - 4362

b) Stħarriġ ta' proporzjonalità ..... I - 4366

1 — Lingwa oriġinali:. Ġermaniż

2. Ksur allegat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ..... I - 4371

a) Nuqqas, fit-talba għal deċiżjoni preliminari, li jiġi identifikat b'mod espliċitu l- ksur allegat ..... I - 4371

b) Kriterju għal analiżi ..... I - 4373

c) Analiżi tal-ksur allegat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ..... I - 4374

VII — Konklużjoni ..... I - 4377

I — Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita mill- Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") b'żewġ domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni u, jekk ikun il-każ, il-validità tal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006, tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [2].

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Agrana Zucker GmbH (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali") u l-Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft (Ministru Federali tal-Agrikoltura, tas-Silvikultura, tal-Ambjent u tal-Ilma, iktar 'il quddiem il-"konvenut fil-kawża prinċipali") dwar il-validità ta' deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2008, li stabbiliet li l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni dovuta mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għas-sena tas-suq 2007/2008 kien ta' EUR 4 869 748,80 u li ordnat lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tħallas dan l-ammont.

3. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju qed tipprova ssir taf, essenzjalment, jekk l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 dovuta minn impriża li tipproduċi z-zokkor għandux jiġi kkalkolat abbażi tal-kwota totali allokata lil din l-impriża jew jekk dan il-kalkolu għandux jiġi bbażat biss fuq il-kwota effettivament disponibbli wara li titnaqqas il-kwantità rtirata mis-suq minħabba rtirar mis-suq jew fuq il-kwantità ta' zokkor suġġett għal kwota effettivament prodotta fil-qafas ta' din il-kwota. F'każ li l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni għandu jiġi kkalkolat fuq it-totalità tal-kwota allokata, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tat-tieni domanda tagħha, essenzjalment, dwar il-konformità tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 — moqri flimkien mal-Artikolu 19 ta' dan l-istess Regolament u mal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2007,

2 — ĠU L 58, 1.

tas-16 ta' Marzu 2007, li jistabbilixxi, għassena tas-suq 2007/2008, il-perċentwali msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 [3] — mal-liġijiet ta' livell superjuri tad-dritt Komunitarju u b'mod partikolari mal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Ir-Regolament Nru 318/2006*

4. Fil-kuntest tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, il-Kunsill adotta, fl-20 ta' Frar 2006, ir-Regolament Nru 318/2006.

5. Il-premessa 19 ta' dan ir-regolament tiddikjara li għandha tiġi stabbilita taxxa fuq il-produzzjoni sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor.

6. Skont il-premessa 22 tal-imsemmi regolament, "għandhom jiġu stabbiliti strumenti ġodda tas-suq li għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali] F'dan il-kuntest, "sabiex il-bilanċ strutturali tas-swieq fis-settur taz-zokkor jinżamm f'livell ta' prezz li huwa qrib il-prezz ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddeċiedi li tirtira kwantitajiet ta' zokkor mis-suq sakemm jerġa' jiġi stabbilit bilanċ fis-suq". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. Skont il-premessa 40 ta' dan l-istess regolament, "il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex f'każ ta' emerġenza tkun tista' ssolvi problemi speċifiċi ta' natura prattika". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 318/2006 jistipula kif ġej:

"Is-sena tas-suq għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tibda fl-1 ta' Ottubru u tintemm fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. Skont l-Artikolu 2(5) tal-imsemmi regolament, 'zokkor suġġett għal kwota', 'iżoglukożju suġġett għal kwota' u 'ġulepp

3 — Edizzjoni speċjali bil-Malti, ĠU L 56M, p. 1300.

tal-inulina suġġett għal kwota' ifissru "kull kwantità ta' zokkor, ta' iżoglukożju jew ta' ġulepp ta' inulina li tiġi prodotta u li tiġi allokata lil sena tas-suq partikolari, taħt il-limitu tal-kwota tal-impriża kkonċernata". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

skont il-kwota allokata għas-sena tas-suq ikkonċernata.

Il-ħlas għandu jsir mill-impriżi mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' Frar tas-sena tas-suq korrispondenti.

10. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 jirregola l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni u jistabbilixxi l-ammont tagħha. Din id-dispożizzjoni tipprovdi b'mod partikolari kif ġej:

"Taxxa fuq il-produzzjoni

1. Mis-sena tas-suq 2007/2008, għandha tiġi imposta taxxa fuq il-produzzjoni fuq il-kwota ta' zokkor, il-kwota ta' iżoglukożju u l-kwota ta' ġulepp tal-inulina allokata lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor, l-iżoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina.

2. It-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tiġi ffissata għal EUR 12.00 għal kull tunnellata ta' zokkor suġġett għal kwota u ta' ġulepp ta' inulina suġġett għal kwota. It-taxxa fuq il-produzzjoni applikabbli għall-iżoglukożju għandha tiġi ffissata għal 50 % tat-taxxa applikabbli għaz-zokkor.

3. It-totalità tat-taxxa fuq il-produzzjoni mħallsa skont il-paragrafu 1 għandha tingħabar mill-Istati Membri mingħand l-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħhom

4. L-impriżi tal-Komunità li jipproduċu z-zokkor u l-ġulepp tal-inulina jistgħu jeżiġu mill-produtturi tal-pitravi, tal-kannamiela jew taċ-ċikwejra li jħallsu sa 50 % tat-taxxa fuq il-produzzjoni korrispondenti". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11. L-irtirar taz-zokkor mis-suq huwa rregolat mill-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006, li jistipula:

"Irtirar ta' zokkor mis-suq

1. Sabiex il-bilanċ strutturali tas-suq jinżamm f'livell ta' prezz li huwa qrib il-prezz ta' referenza, fid-dawl tal-impenji tal-Komunità li jirriżultaw mill-ftehim konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, perċentwali, komuni għall-Istati Membri kollha, ta' zokkor suġġett għal kwota, ta' iżoglukożju suġġett għal kwota u ta' ġulepp ta' inulina suġġett għal

kwota tista' tiġi rtirata mis-suq sal-bidu tas-sena tas-suq ta' wara.

F'dan il-każ, il-ħtiġijiet normali ta' provvista tas-settur tar-raffinar taz-zokkor mhux raffinat importat imsemmija fl-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament għandhom jitnaqqsu bl-istess perċentwali għas-sena tas-suq ikkonċernata.

2. Il-perċentwali ta' rtirar imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru tas-sena tas-suq ikkonċernata, abbażi tal-iżvilupp mistenni tas-swieq matul dik is-sena tas-suq.

3. Kull impriża li tkun ġiet allokata lilha kwota għandha taħżen, bl-ispejjeż għaliha, matul il-perijodu ta' rtirar, il-kwantitajiet ta' zokkor li jikkorrispondu għall-applikazzjoni tal-perċentwali msemmija fil-paragrafu 1 għall-produzzjoni tagħha taħt kwota għas-sena tas-suq ikkonċernata.

Il-kwantitajiet ta' zokkor irtirati mis-suq matul sena tas-suq għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-ewwel kwantitajiet prodotti taħt kwota għas-sena tas-suq ta' wara. Madankollu, skont l-iżvilupp mistenni tas-suq taz-zokkor, jista' jiġi deċiż, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2), li, għas-sena tas-suq kurrenti u/jew għas-sena tas-suq ta' wara, jiġi kkunsidrat li z-zokkor, l-iżoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina, kollu jew parti minnu, irtirat mis-suq huwa:

— zokkor eċċessiv, iżoglukożju eċċessiv jew ġulepp tal-inulina eċċessiv li jista' jsir zokkor industrijali, iżoglukożju industrijali jew ġulepp tal-inulina industrijali,

jew

— produzzjoni suġġetta għal kwota temporanja, li parti minnha tista' tiġi rriżervata għall-esportazzjoni sabiex jiġu rrispettati l-impenji tal-Komunità li jirriżultaw mill-ftehim konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat.

4. Jekk il-provvista ta' zokkor fil-Komunità ma hijiex adegwata, jista' jiġi deċiż, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2), li ċerta kwantità taz-zokkor, tal-iżoglukożju u tal-ġulepp tal-inulina rtirati mis-suq tista' tinbigħ fis-suq Komunitarju qabel it-tmiem tal-perijodu ta' rtirar". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B — *Ir-Regolament Nru 290/2007*

12. Sabiex tiġi stabbilita l-perċentwali ta' rtirar mis-suq għas-sena tas-suq 2007/2008, il-Kummissjoni adottat fis-16 ta' Marzu 2007 ir-Regolament Nru 290/2007.

13. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jistipula:

"(1) Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandu jkun ta' 13,5 %.

(2) B'deroga mill-paragrafu 1:

a) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq ma japplikax għall-impriżi bi produzzjoni anqas minn 86,5 % tal-kwota tagħhom għas-sena tas-suq 2007/2008,

b) għall-imprizi li, għas-sena tas-suq 2007/2008, jipproduċu kwantità daqs jew ogħla minn 86,5 % tal-kwota tagħhom, il-kwantitajiet prodotti 'l fuq mil-limitu tat-86,5 % huma rtirati,

c) Il-perċentwal fil-paragrafu 1 ma japplikax għall-kwantitajiet prodotti fl-Istati Membri li l-kwota nazzjonali ta' zokkor tagħhom ġiet irrinunzjata għal talanqas 50 % mill-1 ta' Lulju 2006, bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Għall-Istati Membri li l-kwota nazzjonali tagħhom ġiet irrinunzjata għal talanqas 50 % mill-1 ta' Lulju 2006, bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, il-perċentwal ta' l-irtirar previst mill-ewwel paragrafu jitnaqqas bi proporzjon mal-kwoti rrinunzjati.

Il-perċentwal li japplika skond dan il-punt huwa stabbilit fl-Anness.

[…]

(4) Il-kwantitajiet irtirati skond il-paragrafu 2(b) u l-paragrafu 3 jitqiesu bħala

eċċess ta' zokkor jew isoglukożju tas-sena tas-suq 2007/2008, li jistgħu jinbidlu f'zokkor jew isoglukożju industrijali.

(5) L-obbligu msemmi fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għall-ħlas ta' talanqas il-prezz minumu japplika biss għall-kwantitajiet ta' pitravi prodotti fil-kwota wara l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2."

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-konvenut fil-kawża prinċipali tas-26 ta' Ġunju 2006, dwar l-allokazzjoni ta' kwoti għall-produzzjoni ta' zokkor matul is-snin tas-suq 2006/2007 sa 2014/2015, u tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar l-allokazzjoni ta' kwoti addizzjonali ta' zokkor, lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġiet allokata kwota ta' zokkor ta' 405 812,4 tunnellata b'kollox. Permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' April 2007, il-konvenut fil-kawża prinċipali, skont l-Artikolu 1(1) u 2(b) tar-Regolament Nru 290/2007, stabbilixxa, għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, limitu għall-produzzjoni taz-zokkor suġġett għal kwota għas-sena tas-suq 2007/2008 ta' 86.5 % tal-kwota tagħha taz-zokkor, jiġifieri 351 027,73 tunnellata.

15. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2008, il-Bord tas-Settur Kummerċjali I ta' Agrarmarkt Austria (AMA) (persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, li ġiet stabbilita mill-konvenut fil-kawża prinċipali sabiex tamministra l-għajnuna, iktar 'il quddiem l-"AMA"), iffissa l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni dovuta mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għas-sena tas-suq 2007/2008 għal EUR 4 869 748,80 u talab lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tħallas dan l-ammont lill-AMA sa mhux iktar tard mid-29 ta' Frar 2008. Fil-motivi tiegħu, l-AMA fakkar li l-kwota taz-zokkor allokata kienet ta' 405 812,4 tunnellata b'kollox u fuq din il-bażi kkalkola l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni billi rrefera għall-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

16. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni. Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2008, li dwarha għandha tiddeċiedi l-validità tagħha l-qorti tar-rinviju fil-kawża prinċipali, il-konvenut fil-kawża prinċipali ċaħad l-ilment bħala infondat.

17. Jirriżulta mid-digriet tar-rinviju li l-kwistjoni li tinsab quddiem il-qrati amministrattivi hija jekk, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni għandhiex tiġi kkalkolata abbażi tal-kwota disponibbli bħala prinċipju għall-impriża, ta' 405 812,4 tunnellata, jew jekk din il-kwota għandhiex titnaqqas fid-dawl tal-limitu ta' produzzjoni stabbilit u tal-irtirar mis-suq riżultanti.

18. Fid-dawl tad-differenzi ta' opinjoni tal-partijiet fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqis li l-applikazzjoni korretta tad-dritt Komunitarju ma hijiex ċara. Id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni jirrigwardaw fl-ewwel lok il-kwistjoni dwar fuq liema bażi għandha tiġi kkalkolata t-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006. Skont il-qorti tar-rinviju, tqum ukoll il-kwistjoni jekk huwiex ukoll kompatibbli mal-liġijiet ta' livell superjuri tad-dritt primarju li din it-taxxa fuq il-produzzjoni tiġi kkalkolata abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata inizjalment.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006, tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor għandu jiġi interpretat fis-sens li anke kwota taz-zokkor li ma tistax tintuża minħabba rtirar mis-suq, b'mod preventiv, skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2007 tas-16 ta' Marzu 2007, li jistabbilixxi għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwali msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, għandha tagħmel parti sħiħa mill-kalkolu tal-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni?

2. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill […] Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 […], huwa kompatibbli mad-dritt primarju u b'mod partikolaru mal-prinċipju ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 34 KE?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20. Id-digriet tar-rinviju tal-4 ta' Lulju 2008 wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Awwissu 2008. Fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern Spanjol, il-Gvern Litwan u l-Gvern Pollakk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, ippreżentaw osservazzjonijiet. Ir-rappreżentanti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni barra minn hekk ipparteċipaw fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2009.

V — L-argumenti tal-partijiet

A — *L-ewwel domanda preliminari*

21. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Polonja huma tal-opinjoni li t-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 għandha tiġi kkalkolata abbażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata lill-impriża.

22. Skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, dan jirriżulta direttament mill-kliem ċar tal-Artikolu 16(1) u (3) tar-Regolament Nru 318/2006, li jistipula li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tiġi imposta fuq il-kwota ta' zokkor "allokata" lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor. Għalkemm jistgħu jqumu xi dubji dwar dan is-suġġett, dan huwa dovut biss għan-nuqqas ta' preċiżjoni fit-test tal-Artikolu 16(2), li jistabbilixxi li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tkun ta' EUR 12 għal kull tunnellata ta' "zokkor suġġett għal kwota". Madankollu, mill-istruttura u l-għan tal-Artikolu 16 jirriżulta li t-termini użati fl-Artikolu 16(2) huma biss ir-riżultat ta' żball fl-abbozzar.

23. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jispjegaw li dan l-iżball fl-abbozzar li jaffettwa l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 318/2006 huwa marbut mal-isem, li jiżgwida, tat-"taxxa fuq il-produzzjoni" mogħti lit-taxxa inkwistjoni. Dan l-isem ġie riprodott mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001, tad-19 ta' Ġunju 2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [4], filwaqt li t-taxxa l-ġdida hija differenti b'mod fundamentali mit-"taxxa fuq il-produzzjoni" preċedenti. It-terminu "taxxa fuq il-kwoti" kien ikun iktar preċiż. Il-fatt li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament Nru 318/2006, l-impriżi għandhom iħallsu t-taxxa sa mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' Frar tas-sena tas-suq korrispondenti, u b'hekk data meta l-volum prodott mill-impriżi matul is-sena tas-suq ikkonċernata ma jkunx għadu magħruf, isostni din il-klassifikazzjoni bħala "taxxa fuq il-kwoti". Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinvokaw ukoll, fl-aħħar nett, l-għan ta' dan ir-regolament, li huwa li jiġi żgurat lill-Komunitajiet dħul kostanti ta' riżorsi proprji.

24. Ir-Repubblika tal-Polonja tqis ukoll li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 16 u 19 tar-Regolament Nru 318/2006 abbażi tal-kliem u l-istruttura tagħhom bilfors twassal għall-konklużjoni li l-parti tal-kwota taz-zokkor li, minħabba rtirar mis-suq skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006, ma setgħetx tintuża matul is-sena tas-suq għandha wkoll tagħmel parti mill-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament.

4 — ĠU L 178, p. 1.

25. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, min-naħa l-oħra, tqis li għandha tingħata importanza kbira lit-test ċar tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 318/2006, li jistabbilixxi li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tkun ta' EUR 12 għal kull tunnellata ta' "zokkor suġġett għal kwota". Barra minn hekk, mill-isem "taxxa fuq il-produzzjoni" jirriżulta li dan jirreferi biss għaz-zokkor suġġett għal kwota effettivament prodott. Ir-Renju ta' Spanja jasal għal konklużjoni simili, billi jikkunsidra li hija l-produzzjoni effettiva li għandha tiġi kkunsidrata bħala l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

fis-sens li t-terminu "kwota" jkopri l-kwota li minnha l-impriżi jiddisponu effettivament matul is-sena tas-suq ikkonċernata. B'hekk, hija l-kwota ta' zokkor wara li titnaqqas il-perċentwali ta' rtirar mis-suq li għandha titqies bħala l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni.

B — *It-tieni domanda preliminari*

26. Fir-rigward tal-istruttura tal-leġiżlazzjoni, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u r-Renju ta' Spanja jargumentaw li kull approċċ ieħor iwassal sabiex, f'każ li impriża ma teżawrixxix għalkollox il-kwota ta' zokkor allokata lilha, it-taxxa fuq il-produzzjoni jkollha titħallas ukoll fir-rigward ta' zokkor li, fil-fatt, ma jeżistix, u dan ikollu l-effett li jiġu penalizzati, b'ammont ogħla ta' taxxa fuq il-produzzjoni, preċiżament l-impriżi li jipproduċu inqas zokkor. Barra minn hekk, iz-zokkor suġġett għal kwota rtirat mis-suq, li jkun ġie maħżun skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 318/2006 u li jiġi kkunsidrat bħala l-ewwel kwantità prodotta taħt kwota għas-sena tas-suq ta' wara, jiġi suġġett għat-taxxa fuq il-produzzjoni darbtejn.

28. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u r-Repubblika tal-Litwanja jsostnu li interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 li tgħid li t-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi kkalkolata t-taxxa fuq il-produzzjoni, tikser il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni. Ir-Repubblika tal-Polonja tikkunsidra li nkiser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-Kummissjoni u l-Kunsill, min-naħa l-oħra, isostnu li interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 fis-sens li t-taxxa fuq il-produzzjoni tiġi kkalkolata abbażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni.

27. Ir-Repubblika tal-Litwanja, fl-aħħar nett, issostni li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 għandu jiġi interpretat

29. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tqis li l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-każ ta' kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni abbażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata

jirriżulta fil-każ tagħha b'mod partikolari mill-fatt li, matul is-sena tas-suq 2007/2008, hija pproduċiet effettivament 13.5 % inqas zokkor suġġett għal kwota, jiġifieri 54 784,67 tunnellata zokkor u li l-kalkolu tal-produzzjoni jwassal konsegwentement li tinġabar taxxa ta' EUR 12 għal kull tunnellata fuq kwantità ta' 54 784,67 tunnellata zokkor li, fil-fatt, ma jeżistux. Ikkunsidrat taħt perspettiva differenti, dan il-metodu ta' kalkolu għandu bħala effett, anki f'każ li jintlaħaq il-limitu ta' produzzjoni ta' 351 027,73 tunnellata ta' zokkor suġġett għal kwota, li tiġi imposta taxxa ta' EUR 13.87 għal kull tunnellata ta' zokkor suġġett għal kwota. L-impożizzjoni ta' tali taxxa hija sproporzjonata.

30. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni barra minn hekk li z-zokkor prodott mill-impriżi kkonċernati 'il fuq mil-limitu ta' produzzjoni huwa, skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Nru 290/2007, ikkunsidrat bħala zokkor eċċessiv, li jew isir zokkor industrijali jew jitmexxa għal fuq is-sena tas-suq ta' wara bħala zokkor suġġett għal kwota. Fiż-żewġ każijiet, l-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-produzzjoni fuq iz-zokkor eċċessiv tkun sproporzjonata. Billi l-prezz li jista' jinkiseb għaz-zokkor industrijali huwa madwar 50 % iktar baxx mill-prezz ta' referenza taz-zokkor suġġett għal kwota, it-taxxa fuq il-produzzjoni — li l-valur nominali tagħha jibqa' ta' EUR 12 — imposta fuq iz-zokkor eċċessiv użat bħala zokkor industrijali tkun finalment darbtejn ogħla mit-taxxa fuq il-produzzjoni fuq iz-zokkor suġġett għal kwota. Min-naħa l-oħra, f'każ li z-zokkor eċċessiv jitmexxa għal fuq is-sena tas-suq ta' wara, iz-zokkor eċċessiv jiġi ntaxxat darbtejn, u dan iz-zokkor, finalment, jiġi suġġett għat-taxxa fuq il-produzzjoni għal sentejn tas-suq konsekuttivi.

31. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni fl-aħħar nett li d-dħul mit-taxxa fuq il-produzzjoni huwa ogħla mill-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, u b'hekk tikkonkludi li la huwa indispensabbli u lanqas neċessarju li t-taxxa fuq il-produzzjoni tiġi imposta fuq kwoti li effettivament ma jintużawx.

32. Ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Litwanja wkoll jikkunsidraw li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità inkwantu jimponi li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tiġi imposta wkoll fuq iz-zokkor suġġett għal kwota li jkun ġie rtirat mis-suq. Ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Litwanja jispjegaw f'dan ir-rigward b'mod partikolari li z-zokkor suġġett għal kwota li jkun ġie rtirat mis-suq ma jkunx ta lok għal spejjeż, għall-Komunità Ewropea, fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor. Peress li, kif jirriżulta mill-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, ikun sproporzjonat li t-taxxa tiġi imposta wkoll fuq iz-zokkor suġġett għal kwota li jkun ġie rtirat mis-suq, li ma jiġġenera ebda spejjeż. Ir-Repubblika tal-Polonja tenfasizza barra minn hekk il-konsegwenzi finanzjarji — fil-fehma tagħha inaċċettabbli — tal-fatt li z-zokkor jiġi ttrattat bħala zokkor eċċessiv jew tat-tmexxija tiegħu, bħala zokkor suġġett għal

kwota, għal fuq is-sena tas-suq ta' wara. Ir-Repubblika tal-Litwanja tosserva, barra minn hekk, li l-produtturi taz-zokkor li l-kwota tagħhom tkun tnaqqset ikunu suġġetti għal piż finanzjarju sproporzjonat, billi ma jkunx possibbli għalihom li jbiegħu, bi profitt, iz-zokkor diġà prodott. Barra minn hekk, dawn l-impriżi jiltaqgħu ma' diffikultajiet kbar sabiex jbiegħu l-kwantitajiet ta' zokkor li jaqbżu l-kwota mnaqqsa minħabba l-irtirar preventiv. Skont ir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, fl-aħħar nett, huwa ta' natura teknika u l-leġiżlatur Komunitarju b'hekk ma għandux marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam.

33. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u r-Repubblika tal-Litwanja, il-ksur tal-prinċipju ta' diskriminazzjoni f'każ li t-taxxa fuq il-produzzjoni tiġi kkalkolata fuq il-bażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata huwa kkostitwit b'mod partikolari mill-fatt li l-perċentwali ta' rtirar skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 u tal-Arti kolu 1(2)(c) tar-Regolament Nru 290/2007 moqrija flimkien tvarja skont l-Istati Membri u li, konsegwentement, l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni għall-impriżi jkun differenti skont l-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti.

34. Skont il-Kummissjoni u l-Kunsill, ma hemm ebda dubju li interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 fis-sens li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor allokata hija konformi mal-prinċipji ġenerali ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni. Billi jqisu li l-qorti tar-rinviju ma ressqet ebda argument insostenn tad-dubji tagħha fir-rigward tal-konformità tal-imsemmi Artikolu 16 mal-prinċipju Komunitarju ta' nondiskriminazzjoni, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fl-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub, jeżaminaw biss l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

35. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Kunsill isemmu qabel kollox is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal-politika agrikola komuni. B'hekk, hija biss in-natura ċarament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-kamp, meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti trid tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura. Il-fattur determinanti b'hekk huwa li, għalkemm it-taxxa fuq il-produzzjoni effettivament ġiet stabbilita sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, hija ma ġietx marbuta ma' spejjeż speċifiċi. Fi kliem ieħor, din ma tikkostitwixxix dħul assenjat u b'hekk, skont il-Kummissjoni, anki l-fatt li, matul sena tas-suq partikolari, id-dħul jista' jaqbeż l-ispejjeż sostnuti huwa irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni

tal-legalità tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

36. Il-Kummissjoni u l-Kunsill iqisu barra minn hekk li kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni fuq il-bażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor tal-impriżi li jipproduċu z-zokkor huwa oġġettivament xieraq u opportun. L-irtirar mis-suq li jsir f'sena partikolari fil-fatt ma jinvolvix tnaqqis definittiv tal-kwota ta' produzzjoni. Barra minn hekk, kull sena tas-suq għandha tiġi kkunsidrata waħedha u b'hekk, kwalunkwe tassazzjoni doppja ta' zokkor suġġett għal kwota hija impossibbli. Minbarra dan, il-konsegwenzi finanzjarji tal-inklużjoni tal-kwantitajiet ta' zokkor li jkunu ġew irtirati mis-suq fil-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni huma limitati, speċjalment billi l-irtirar mis-suq jinvolvi, ġustament, żieda ġenerali fil-prezz taz-zokkor suġġett għal kwota. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li l-għan li ssir kontribuzzjoni għall-finanzjamnet tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, imsemmi fil-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006, għandu jinftiehem fis-sens li l-ispejjeż imsemmija jinkludu l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-miżuri differenti fis-settur taz-zokkor, inklużi diversi miżuri insostenn tas-suq.

37. Matul is-seduta, il-Kummissjoni invokat argumenti addizzjoniali insostenn tal-pożizzjoni tagħha billi speċifikat li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha bħala għan li tikkontribwixxi sabiex jiġu koperti l-ispejjeż Komunitarji fis-settur taz-zokkor, li ġew stmati għal iktar minn EUR 1 500 miljun fis-sena u li b'hekk jaqbżu ferm id-dħul mit-taxxa fuq il-produzzjoni.

VI — Kunsiderazzjonijiet legali

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

38. Meta adotta r-Regolament Nru 318/2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 319/2006, tal-20 ta' Frar 2006, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [5], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006, tal- 20 ta' Frar 2006, li jistabilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [6], il-leġiżlatur Komunitarju introduċa riforma radikali tal-organizzazzjoni komuni

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Ġ U L 64M, p. 1.
6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Ġ U L 335M, p. 29.

tas-swieq fis-settur taz-zokkor. B'dawn ir-regoli l-ġodda, sistema li ma kienet kważi nbidlet xejn f'erbgħin sena [7] ġiet affettwata mir-riforma ġenerali tal-politika agrikola komuni [8].

39. Din ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor kellha l-għan li tneħħi progressivament il-mekkaniżmu ta' intervent u l-prezz ta' intervent għaz-zokkor. Għal dan il-għan, il-prezz ta' intervent għaz-zokkor ġie sostitwit bi prezz ta' referenza, li għandu jitnaqqas b'36 % b'kollox meta mqabbel mal-prezz ta' intervent fil-perijodu li jkopri s-snin tas-suq 2006/2007 sa 2009/2010. Dan il-prezz ta' referenza kellu, bħala prinċipju, jintlaħaq permezz ta' tnaqqis fil-provvista taz-zokkor fis-suq Ewropew; għal dan il-għan, inħalqu xi inċentivi finanzjarji fil-qafas ta' fond ta' ristrutturar sabiex il-produtturi inqas kompetittivi jitħajru jieqfu l-produzzjoni tagħhom. Minbarra dawn il-miżuri strutturali intiżi sabiex jiġu eliminati l-kapaċitajiet ta' prodizzjoni mhux profittabbli, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tiddeċiedi, f'każ ta' probabbiltà kbira ta' provvista eċċessiva ta' zokkor, li tirtira xi zokkor mis-suq, sabiex jinżamm il-bilanċ strutturali tas-swieq taz-zokkor f'livell ta' prezz qrib il-prezz ta' referenza.

40. Dan it-tnaqqis fis-sostenn tas-suq fis-settur taz-zokkor ġie kkumpensat — għall-inqas parzjalment — minn żieda fis-sostenn dirett tad-dħul tal-impriżi agrikoli. B'hekk, is-settur taz-zokkor għadda progressivament minn politika ta' sostenn tal-prezzijiet u tal-produzzjoni għal politika ta' sostenn tad-dħul agrikolu mifrud mill-produzzjoni.

B — *L-ewwel domanda preliminari*

41. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qed tipprova ssir taf, essenzjalment, fuq liema bażi għandha tiġi kkalkolata t-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

7 — Qabel, l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor kienet ikkaratterizzata minn sistema ta' sostenn tal-prezzijiet u mill-allokazzjoni ta' kwoti. Is-sistema tal-kwoti stabbilita fl-1967 flimkien mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ippermettiet ukoll li jinżammu prezzijiet relativament għoljin mingħajr ma jkun hemm prodott eċċessiv. Għall-bidu, is-sistema tal-kwoti kellha tkun biss ta' natura temporanja u kellha tiskadi fl-1975, iżda ġiet imġedda diversi drabi. Biż-żmien, saret iktar flessibbli sabiex tippermetti żieda fil-kwoti għall-benefiċċju tal-produttuti taz-zokkor iktar effiċjenti. Ara G. Olmi, *Politique agricole commune*, Brussel 1991, p. 173; R Priebe, . fi E. Grabitz, u M. Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Volum I, "Art. 34 EGV", punt 57 (Suppliment 39, Lulju 2009).

8 — Fir-rigward tal-kuntest ta' u r-raġunijiet għal din ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, ara A. Swinbank, "EU Sugar Policy: An Extraordinary Story of Continuity, But Then Change", *Journal of World Trade* 2009, p. 603 sa 620. Ara l-analiżi tal-linji gwida ġenerali tar-riforma, mqabbla mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq taz-zokkor eżistenti sa dak iż-żmien, ta' J. Michel, u K. Merten-Lentz, "La réforme du marché du sucre communautaire", *Revue du Marché commun et de l'Union européenne* 2005, p. 671 sa 676; R. Barents, "De zure smaak van Europese suiker", *NTER* 2005, p. 228 sa 235.

42. Fuq livell teoretiku, jeżistu erba' bażijiet ta' stima possibbli għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, jiġifieri:

(1) il-kwota ta' zokkor allokata lil impriża li tipproduċi z-zokkor għal sena tas-suq partikolari (= il-kwota ta' zokkor fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 318/2006, li magħha tiżdied il-kwota addizzjonali fis-sens tal-Artikolu 8 ta' dan l-istess regolament);

(2) il-kwota ta' zokkor allokata lil impriża li tipproduċi z-zokkor għal sena tas-suq partikolari, wara li titnaqqas il-perċentwali ta' rtirar ikkonstatata għal din l-istess sena tas-suq skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006. L-ewwel nett, titnaqqas il-perċentwali ta' rtirar mill-kwota taz-zokkor. It-tieni nett, il-kwota taz-zokkor riżultanti, bl-irtirar mis-suq imnaqqas, isservi bħala bażi ta' stima għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni. Il-bażi ta' stima, b'hekk, tikkorrispondi għal-limitu ta' produzzjoni fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 290/2007;

(3) il-kwantità ta' zokkor prodotta mill-impriżi li jipproduċu z-zokkor matul sena tas-suq partikolari, limitata mill-kwota ta' zokkor allokata (= iz-zokkor suġġett għal kwota fis-sens tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Nru 318/2006);

(4) il-kwantità ta' zokkor prodotta mill-impriżi li jipproduċu z-zokkor matul sena tas-suq partikolari, limitata mil-limitu ta' produzzjoni.

43. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tad-determinazzjoni tal-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni kif ukoll ir-risposti kunsiderevolment differenti proposti mid-diversi partijiet li intervjenew f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari huma r-riżultat tan-nuqqas ta' preċiżjoni fil-kliem tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006. B'mod partikolari, it-titolu "taxxa fuq il-produzzjoni", kif ukoll l-iffissar ta' din it-taxxa fl-ammont ta' "EUR 12.00 għal kull tunnellata ta' zokkor suġġett għal kwota", fl-Artikolu 16(2), jagħtu l-impressjoni li l-kalkolu għandu jsir billi wieħed jibbaża ruħu fuq il-kwantitajiet effettivament prodotti matul is-sena tas-suq ikkonċernata. It-test tal-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 16, min-naħa l-oħra, jirreferi b'mod ċar għall-kwoti ta' zokkor allokati għas-sena tas-suq inkwistjoni, li għandhom jiġu ddeterminati independentement mill-produzzjoni effettiva. Din il-kontradizzjoni tinsab ukoll fil-maġġoranza tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 [9].

9 — It-titolu "taxxa fuq il-produzzjoni" tinsab bil-Franċiż bħala "taxe à la production", bil-Germaniż bħala "Produktionsabgabe", bis-Sloven bħala "Proizvodna dajatev", bl-Ingliż bħala "Production charge", bid-Daniż bħala "Produktionsafgift", bl-Ispanjol bħala "Canon de producción" u bil-Portugiż bħala "Encargo de produção". F'dawn il-verżjonijiet lingwistiċi, l-Artikolu 16(2) jirreferi għal "sucre sous quota", "quotenzucker", "kvotnega sladkorja", "quota sugar", "kvotesukker", "azúcar de cuota" u "açúcar de quota", filwaqt li l-Artikolu 16(1) u (3) jirreferu għall-"quota de sucre", "zuckerquote", "kvote za sladkor", "sugar quota", "sukkerkvote", "cuotas de azúcar" u "quotas de açúcar". Fil-verżjoni Olandiża, għalkemm it-titolu huwa wkoll "Productieheffing", huwa mbagħad it-terminu "suikerquotum" u mhux "quotumsuiker" li jintuża kemm fil-paragrafu 2, kif ukoll fil-paragrafi 1 u 3.

44. Fid-dawl tal-kliem ambigwu tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, hija biss interpretazzjoni sistematika u teleoloġika li tista' ssolvi l-kwistjoni ineżami f'dan il-każ. Fil-fatt, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, l-għan ta' dispożizzjoni li l-formulazzjoni tagħha ma tkunx ċara jieħu preċedenza fuq il-kliem tagħha [10].

45. Interpretazzjoni sistematika u teleoloġika tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 twassalni għall-konklużjoni li huwa biss kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni bbażat fuq il-kwota allokata għal sena tas-suq partikolari li huwa kompatibbli mal-kontenut u l-għanijiet tal-imsemmi regolament.

46. L-ewwel indikazzjoni importanti tal-fatt li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kwoti taz-zokkor allokati lill-impriżai li jipproduċu z-zokkor għal sena tas-suq partikolari tingħata mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament Nru 318/2006. Skont din id-dispożizzjoni, l-impriżi li jipproduċu z-zokkor għandhom iħallsu t-taxxa fuq il-produzzjoni sa mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' Frar tas-sena tas-suq korrispondenti. Peress illi, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 318/2006, sena tas-suq tibda fl-1 ta' Ottubru u tintemm fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara, dan ifisser li t-taxxa fuq il-produzzjoni għandha titħallas f'data meta z-zokkor ma jkunx għadu ġie prodott. Billi l-kwantitatjiet ta' zokkor li l-impriżi kkonċernati finalment jipproduċu jkunu għadhom ma jistgħux jiġu ddeterminati b'ċertezza fid-data meta t-taxxa fuq il-produzzjoni tkun eżiġibbli, raġunijiet purament prattiċi jeskludu li l-kwantità ta' zokkor effettivament prodotta fil-qafas tal-kwoti ta' zokkor, jekk ikun il-każ bl-irtirar mis-suq imnaqqas, tiġi kkunsidrata bħala l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni.

47. Barra minn hekk, l-istruttura tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 turi b'mod ċar d-deċiżjoni fundamentali tal-leġiżlatur Komunitarju li t-"taxxa fuq il-produzzjoni" tiġi imposta fuq il-kwota ta' zokkor allokata u mhux fuq il-kwantità ta' zokkor effettivament prodott.

48. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 318/2006 jistabbilixxi l-prinċipju tal-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-"kwota ta' zokkor" allokata lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor. Fl-Artikolu 16(2), l-ammont ta' din it-taxxa huwa ffissat għal EUR 12 għal kull tunnellata ta' "zokkor suġġett għal kwota". L-Artikolu 16(3) jispeċifika l-modalitajiet konkreti tal-impożizzjoni tat-taxxa u b'mod partikolari li l-Istati Membri għandhom jimponu t-taxxa sa mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' Frar tas-sena tas-suq korrispondenti. L-Artikolu 16(4), fl-aħħar nett, jipprovdi għall-possibbiltà li l-produtturi tal-pitravi, tal-kannamiela u taċ-ċikwejra jipparteċipaw fil-finanzjament ta' din it-taxxa.

10 — F'dan is-sens ara wkoll K. Riesenhuber, *Europäische Methodenlehre*, Berlin 2006, p. 266 punt 51.

49. L-eżami tal-istruttura tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 b'hekk juri li l-paragrafu 1 tiegħu jistipula l-prinċipju ġenerali ta' impożizzjoni ta' taxxa fuq il-kwoti ta' zokkor allokati lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor mis-sena tas-suq 2007/2008. L-Artikolu 16(2) jiffissa l-ammont ta' din it-taxxa għal EUR 12 għal kull tunnellata. Sostanzjalment, b'hekk, l-Artikolu 16(2) għandu l-għan li jiddetermina l-ammont tat-taxxa — EUR 12 għal kull tunnellata —, u mhux li jiddetermina l-bażi taxxabbli, li diġà ġiet iddeterminata fl-Artikolu 16(1). Għaldaqstant, l-użu tat-terminu "zokkor suġġett għal kwota" fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 318/2006 għandu kjarament jitqies bħala żball tal-leġiżlatur Komunitarju fl-abbozzar tal-imsemmi regolament, speċjalment billi l-Artikolu 16(3) isemmi mill-ġdid il-kwoti allokati lill-impriżi.

50. L-użu tal-kwoti allokati lill-impriżi bħala l-bażi ta' stima tat-taxxa u l-firda konsegwenti tat-"taxxa fuq il-produzzjoni" dovuta minn dawn l-impriżi mill-kwantità ta' zokkor effettivament prodotta jikkorrispondi, barra minn hekk, mal-prinċipju ta' sostenn tad-dħul tal-produtturi agrikoli mifrud mill-produzzjoni, li huwa wieħed mill-elementi prinċipali tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [11]. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 318/2006 dawn il-produtturi jistgħu jkunu meħtieġa mill-impriżi li jipproduċu z-zokkor li jkopru sa 50 % tat-taxxa fuq il-produzzjoni tagħhom.

11 — Ara l-punti 39 u 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali u r-Renju ta' Spanja siltu mill-istorja tat-test, fis-sens li fir-regolamenti bażiċi dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor li ppreċedew dak attwalment fis-seħħ [12], il-frażi "taxxa fuq il-produzzjoni" dejjem intużat sabiex tindika taxxa fuq il-kwantitajiet ta' zokkor prodotti matul il-perijodu ta' referenza inkwistjoni, huwa irrilevanti. Fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 318/2006 irriforma b'mod komprensiv l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u daħħal bażijiet finanzjarji ġodda, iż-żamma tal-isem tat-taxxa fuq il-produzzjoni dovuta għandha tiġi analizzata bħala fdal tar-regolamenti preċedenti li jiżgwida u li b'hekk ma jippermettix li jinsiltu konklużjonijiet sostantivi għal dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-bażi ta' stima tat-taxxa.

52. Hija għalhekk il-kwota ta' zokkor allokata lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor għal sena tas-suq partikolari li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala punt tat-tluq għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006. Madankollu, għad irid jiġi ddeterminat jekk għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni, għal dan il-għan, il-perċentwali ta' rtirar fis-sens tal-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament. Fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 1(2)(a) u (b)

12 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001, tad-19 Ġunju 2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L178, p. 1), u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2038/1999, tat-13 ta' Settembru 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 252, p. 1).

tar-Regolament Nru 290/2007 jittrasforma din il-perċentwali ta' rtirar f'limitu ta' produzzjoni [13], tqum il-kwistjoni għalhekk jekk, fil-kuntest tal-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni, il-perċentwali ta' rtirar għandhiex titnaqqas mill-kwota ta' zokkor. F'tali każ, il-limitu ta' produzzjoni applikabbli jikkostitwixxi l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni.

53. Fil-fehma tiegħi, għandha tingħata risposta negattiva għal din id-domanda.

54. Hekk kif diġà enfasizzajt fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-18 ta' Frar 2009 fil-kawża Agrana Zucker [14] u hekk kif ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża fil-11 ta' Ġunju 2009 [15], irtirar mis-suq b'ebda mod ma' jista' jiġi ekwiparat ma' rinunzja għal kwoti fis-sens tar-Regolament Nru 320/2006. Fil-fatt, jekk il-mekkaniżmi tar-rinunzja għall-kwoti jiġu pparagunati ma' dawk tal-irtirar mis-suq, jidher ċar li dawn huma ferm differenti minn xulxin, kemm mil-lat tal-funzjonament tagħhom kif ukoll mil-lat tal-għan tagħhom. Filwaqt li l-ewwel mekkaniżmu jikkonsisti fir-rinunzja definittiva għall-kwoti, inkluż it-tnaqqis jew l-għeluq tal-impjanti tal-produzzjoni, it-tieni jinvolvi biss l-irtirar provviżorju mis-suq tal-kwantitajiet ta' zokkor ikkonċernati, il-ħażna tagħhom jew il-bejgħ tagħhom barra mill-kwota.

55. Din id-differenza fil-funzjonament tirriżulta mill-għanijiet differenti tad-dispożizzjonijiet applikabbli. Ir-rinunzja għall-kwoti, b'mod responsabbli fuq il-livell soċjali u ambjentali, mill-produtturi taz-zokkor li huma inqas kompetittivi tikkostitwixxi wieħed mill-mezzi tar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor segwiti mir-Regolament Nru 320/2006. Min-naħa l-oħra, l-irtirar mis-suq huwa strument ta' sostenn tal-prezzijiet li, skont l-Artikolu 19(1) u l-premessa 22 tar-Regolament Nru 318/2006, għandu l-għan li jżomm il-bilanċ strutturali fuq livell ta' prezzijiet qrib il-prezz ta' referenza.

56. Peress illi l-irtirar ta' zokkor mis-suq abbażi tal-perċentwali ta' rtirar stabbilita mill-Kummissjoni ma jaffettwax il-kwoti ta' zokkor, bħala tali, tal-impriżi kkonċernati, la t-test u lanqas l-istruttura tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 ma jagħtu l-inqas sostenn għall-opinjoni b'mod partikolari tar-Repubblika tal-Litwanja, li hija l-kwota ta' zokkor li minnha titnaqqas il-perċentwali ta' rtirar li tikkostitwixxi l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

57. Għaldaqstant, nasal għall-konklużjoni li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006

13 — L-Artikolu 1(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 290/2007 jipprovdi essenzjalment li l-obbligu ta' rtirar jikkonċerna biss iz-zokkor prodott 'il fuq minn ċertu limitu ta' produzzjoni. Dan il-limitu ta' produzzjoni jinkiseb billi l-perċentwali ta' rtirar mis-suq titnaqqas mill-kwota ta' zokkor allokata; il-limitu ta' produzzjoni b'hekk huwa, għas-sena tas-suq 2007/2008, normalment ta' 86.5 % tal-kwota allokata.

14 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Ġunju 2009 (C-33/08, Ġabra p. I-5035, punti 40 *et seq*).

15 — Sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 21 *et seq.*

għandu jiġi interpretat fis-sens li l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni għandha tinkludi wkoll il-parti tal-kwota ta' zokkor li ma setgħetx tintuża minħabba rtirar mis-suq skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 meħuda flimkien ma' dik tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 290/2007.

C — *It-tieni domanda preliminari*

1. Ksur allegat tal-prinċipju ta' proporzjonalità

58. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-Qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-kalkolu u l-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata humiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Sabiex nirrispondi għal din id-domanda, jiena ser nibda billi nikkunsidra l-kriterju li għandu jiġi applikat meta jiġi eżaminat ksur allegat tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-politika agrikola komuni. Wara dan, jiena ser nivverifika jekk il-firda tat-taxxa fuq il-produzzjoni mill-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 tiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità.

a) Kriterju għal analiżi

59. Il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, jitlob li l-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa idoneu u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u li l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti [16].

60. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-applikazzjoni ġudizzjarja tal-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala regola, għandha tiġi adottata skema ta' analiżi msejsa fuq tliet livelli [17], li tagħti lok għal stħarriġ (1) tal-idonejtà (2) tan-neċessità u (3)

16 — Sentenzi Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 31); tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97); tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et* (C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81); tal-5 ta' Ottubru 1994, Crispoltoni *et* (C-133/93, C-300/93 u C-362/93, Ġabra p. I-4863, punt 41), u tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13).

17 — Dwar din l-iskema ta' analiżi fuq tliet livelli ara, D. Simon, "Le contrôle de proportionnalité exercé par la Cour de justice des Communautés européennes", Petites affiches 2009, Nru 46, p. 17, 20 *et seq.* Skont dan l-awtur, f'ċerti sentenzi, l-istħarriġ dwar il-legalità tal-għanijiet imfittxa u dak dwar ir-raġunijiet suġġettivi wara l-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, jikkostitwixxu żewġ livelli ta' stħarriġ addizzjonali.

tan-natura mhux sproporzjonata tal-miżura inkwistjoni [18].

61. Għalkemm l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tal-politika agrikola komuni ġiet kkonfermata diversi drabi, fl-istess waqt, permezz ta' ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dan il-qasam u minn dan tikkonkludi li fil-qasam tal-politika agrikola komuni, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza ta' dan il-prinċipju għandu jkun limitat għal verifika tan-natura manifestament inadegwata tal-miżura inkwistjoni meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti trid tilħaq [19].

62. Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istħarriġ ta' proporzjonalità fil-qasam tal-politika agrikola komuni għandu bħala l-għan li jiddetermina mhux jekk il-miżura adottata mil-leġiżlatur Komunitarju kinitx l-unika jew l-aħjar waħda possibbli, iżda jekk kinitx manifestament mhux idonea [20].

63. Din ir-restrizzjoni adottata tal-Qorti Ewropea għall-istħarriġ ta' proporzjonalità, limitata għall-verifika tan-natura manifestament mhux idonea tal-miżura inkwistjoni, ma hijiex karatteristika partikolari għall-qasam tal-politika agrikola komuni iżda, skont ġurisprudenza stabbilita, tapplika għall-oqsma kollha li fihom il-leġiżlatur Komunitarju jagħmel għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali u li fihom huwa msejjaħ li jagħmel evalwazzjonijiet kumplessi li, fir-rigward tagħhom, għandu għalhekk ikollu setgħa diskrezzjonali u possibilità ta' azzjoni wiesgħa [21].

64. Kif digà kelli l-opportunità li nirrileva [22], jiena mhux konvint minn din il-ġurisprudenza, b'mod partikolari sa fejn din tillimita l-istħarriġ ta' proporzjonalità għal sempliċi stħarriġ tan-natura idonea tal-miżura. Jiena tal-fehma li tali limitazzjoni strutturali tal-istħarriġ ta' proporzjonalità fuq tliet livelli għal stħarriġ tan-natura idonea

18 — Huwa minnu li f'ċerti sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita ruħha li tikkonstata li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-miżuri implementati permezz ta' dispożizzjoni Komunitarja jkunu idonei li jwettqu l-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Peress li f'dawn is-sentenzi kollha in-natura mhux sproporzjonata tal-miżuri kkonċernati ma kinitx ikkontestata, huma ma jwasslux għall-konklużjoni li l-istħarriġ ta' proporzjonalità għandu jsir skont skema ta' analiżi fuq żewġ livelli, minħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni in-natura mhux sproporzjonata tal-miżura kkonċernata.

19 — Sentenzi Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 32); tal-14 ta' Mejju 2009, Azienda Agricola Disarò Antonio *et* (C-34/08, Ġabra p. I-4023, punt 76); Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 98); tat-23 ta' Marzu 2006, Unitymark u North Sea Fishermen's Organisation (C-535/03, Ġabra p. I-2689, punt 57); tas-16 ta' Marzu 2006, Emsland-Stärke (C-94/05, Ġabra p. I-2619, punt 54); Jippes *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 82), Crispoltoni *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 42), Fedesa *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 14) u tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder HS Kraftfutter (265/87, Ġabra p. 2237, punt 22).

20 — Sentenzi Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33), Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 99) u Jippes *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 83).

21 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2009, S.P.C.M. *et* (C-558/07, Ġabra p. I-5783, punt 42); tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et* (C-154/04 u C-155/04, Ġabra p. I-6451, punt 52); tal-14 ta' Diċembru 2004, Arnold André (C-434/02, Ġabra p. I-11825, punt 46), u tal-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match (C-210/03, Ġabra p. I-11893, punt 48), kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, Ġabra p. I-11453, punt 123). Ara wkoll is-sentenza tat-8 ta' Frar 2000, Emesa Sugar (C-17/98, Ġabra p. I-675, punt 53).

22 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-3 ta' Marzu 2009 fil-kawża Azienda Agricola Disarò Antonio *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 61 *et seq*).

biss, għandha l-effett li tnaqqas eċċessivament l-effettività tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jifforma parti mil-liġi primarja.

65. L-applikazzjoni tal-principju ta' proporzjonalità fil-qasam tal-politika agrikola komuni għandha titlaq mill-premessa li s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju ma tipprekludix l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri adottati minnu [23].

66. Argument kontra l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jillimita l-istħarriġ tal-proporzjonalità fil-qasam tal-politika agrikola komuni għal stħarriġ tan-natura idonea ta' miżura, huwa li l-kundizzjonijiet li l-miżura għandha jkollha natura idonea, neċessarja u mhux sproporzjonata ma humiex l-espressjoni tal-istess kunċett minn perspettivi differenti. Għall-kuntrarju, l-eżami tan-natura neċessarja u mhux sproporzjonata ta' miżura għandu, meta mqabbel ma' dak tan-natura idonea ta' miżura, sinjifikat awtonomu u importanza essenzjali għall-protezzjoni tal-individwu. Huwa biss fil-kuntest tal-istħarriġ tan-natura neċessarja u mhux sproporzjonata li l-għan imfittex mil-leġiżlatur Komunitarju u d-drittijiet tal-individwu li jkunu ġew affettwati "jitqabblu". Jekk il-qorti teżamina biss in-natura idonea ta' miżura, hija ma tkunx qed twettaq stħarriġ tal-proporzjonalità, iżda biss stħarriġ oġġettiv tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali, li ma jinkludi ebda element ta' protezzjoni għall-individwu [24].

67. Għalhekk, il-fatti li wasslu għall-kawża preżenti huma eżempju tajjeb ta' kif il-limitazzjoni tal-istħarriġ ta' proporzjonalità għal sempliċi stħarriġ tan-natura idonea tal-miżura adottata mil-leġiżlatur Komunitarju tista', f'ċerti ċirkustanzi, twassal *de facto* għar-rinunzja ta' kwalunkwe stħarriġ effettiv tal-proporzjonalità tal-miżuri inkwistjoni.

23 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Azienda Agricola Disarò Antonio *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 61), kif ukoll il-kawża Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 51). Ara wkoll il-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Sharpston fl-14 ta' Ġunju 2007 fil-kawża Zuckerfabrik Jülich (sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, C-5/06 u C-23/06 sa C-36/06, Gabra p. I-3231, punt 65), kif ukoll il-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Kokott fl-10 ta' Marzu 2009 fil-kawża S.P.C.M. *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punti 69 *et seq*), li ġustament jenfasizzaw li anki fl-oqsma li fihom għandhom jittieħdu deċiżjonijiet kumplessi ta' natura teknika u/jew politika u fejn il-leġiżlatur Komunitarju għandu għalhekk setgħa diskrezzjonali u possibilità ta' azzjoni wiesgħa, għandu jiġi eżaminat jekk jeżistux manifestament miżuri anqas restrittivi jew jekk il-miżuri adottati humiex manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija. F'każ kuntrarju, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa stabbilit fid-dritt primarju, jitlef l-effettività prattika tiegħu.

24 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Azienda Agricola Disarò Antonio *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 63). F'dan ir-rigward ara wkoll, T. Danwitz, "Der Grundsatz der Verhältnismäßigkeit im Gemeinschaftsrecht", Europäisches Wirtschafts- und Steuerrecht 2003, p. 391, 396, li jirrileva li dan l-approċċ jillimita l-prinċipju ta' proporzjonalità għal stħarriġ tal-użu tas-setgħa diskrezzjonali.

68. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni nħolqot sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor. Peress li, min-natura tagħha, it-taxxa fuq il-produzzjoni tinvolvi dħul ta' riżorsi għall-Komunità, din it-tip ta' taxxa hija *per se* idonea għat-twettiq tal-għan imfittex mil-leġiżlatur Komunitarju, tkun xi tkun il-bażi ta' stima tat-taxxa. Għalhekk, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża preżenti, l-istħarriġ ta' proporzjonalità jirrikjedi, b'mod partikolari, li jkun hemm stħarriġ tan-natura idonea u mhux sproporzjonata tat-taxxa fuq il-produzzjoni stabbilita mil-leġiżlatur Komunitarju.

69. Minbarra dan, għandu jiġi enfasizzat li fil-kuntest tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-miżuri Komunitarji f'oqsma li fihom il-leġiżlatur Komunitarju jagħmel għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali u li fihom huwa msejjaħ li jagħmel evalwazzjonijiet kumplessi, il-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja id-dikjarazzjoni ġenerali tagħha li tali stħarriġ għandu jkun limitat għal stħarriġ tan-natura manifestament mhux idonea tal-miżuri inkwistjoni, tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod regolari, elementi marbuta man-natura neċessarja u mhux sproporzjonata ta' dawn il-miżuri [25].

70. Għalhekk, jiena tal-fehma li, bħala regola, il-miżuri adottati mil-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal-politika agrikola komuni għandhom jkunu suġġetti għal stħarriġ ta' proporzjonalità fuq tliet livelli (natura idonea, neċessarja u mhux sproporzjonata). Mandankollu, hekk kif fil-qasam tal-politika agrikola komuni l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjonijiet tagħha għall-għażliet soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-leġiżlatur Komunitarju, f'dan il-qasam, l-istħarriġ ta' proporzjonalità fuq tliet livelli għandu jiġi limitat għall-kwistjoni dwar jekk, meta tittieħed inkunsiderazzjoni s-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur Komunitarju, il-miżura inkwistjoni hijiex manifestament mhux idonea, manifestament mhux neċessarja

25 — Ara s-sentenzi Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 42), British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punti 126 *et seq*) u Emesa Sugar (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punti 54 *et seq*). Ara wkoll, O. Koch, "Der Grundsatz der Verhältnismäßigkeit in der Rechtsprechung des Gerichtshofs der Europäischen Gemeinschaften", Berlin 2003, p. 212, li jenfasizza li prattikament is-sentenzi kollha li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja dehret li llimitat l-istħarriġ tagħha għan-natura "manifestament mhux idonea", eżaminaw il-miżuri alternattivi possibbli u, f'ċerti każijiet, taw raġunijiet dettaljati għaliex dawk il-miżuri ma kinux iktar adatti. Għalhekk, skont dan l-awtur, il-kunċett ta' "natura manifestament mhux idonea" huwa sempliċiment sinonimu ma' stħarriġ iktar dgħajjef fil-kuntest tal-istħarriġ ta' proporzjonalità f'diversi livelli. F'dan is-sens ara wkoll U. Kischel, "Die Kontrolle der Verhältnismäßigkeit durch den Europäischen Gerichtshof", EuR 2000, p. 380, 398 *et seq*, li jirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix lill-istqarrija tagħha li tipprovdi li, fl-oqsma inkwistjoni, l-istħarriġ ta' proporzjonalità għandu jkun limitat għal stħarriġ tan-natura manifestament mhux idonea tal-miżura, it-tifsira li din tidher li għandha mad-daqqa ta'għajn. Għall-kuntrarju, skont dan l-aħħar awtur, jirriżulta b'mod ċar mid-deċiżjonijiet kkonċernati li s-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur Komunitarju ma tillimitax il-proporzjonalità għan-natura manifestament mhux idonea tal-miżura, iżda tillimita, b'mod ġenerali, l-istħarriġ ta' proporzjonalità għal żbalji manifesti.

jew manifestament sproporzjonata [26]. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi ggarantita l-portata ta' azzjoni politika tal-leġiżlatur Komunitarju, mingħajr ma tippreġudika bi kwalunkwe mod l-effett utli tal-priniċipju ta' proporzjonalità f'dan il-qasam.

71. Minn dak li ntqal, jiena nikkonkludi li fil-qasam tal-politika agrikola komuni, waqt l-istħarriġ ta' proporzjonalità, għandha ssir eżaminazzjoni fuq tliet livelli b'intensità ta' stħarriġ ridotta. B'hekk, fil-kuntest tal-proċedura preżenti, għandu b'mod partikolari jiġi vverifikat jekk l-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-produzzjoni u l-iffisar tal-bażi ta' stima tat-taxxa tagħha mifruda mill-produzzjoni, humiex, fir-rigward tal-għanijiet imfittxa mill-leġiżlatur Komunitarju, manifestament mhux idonei, manifestament mhux neċessarji jew manifestament sproporzjonati.

b) Stħarriġ ta' proporzjonalità

72. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni ġiet stabbilita biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, jirriżulta li kemm l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tal-ammont tagħha abbażi tal-kwota allokata mingħajr referenza għal-limitu ta' produzzjoni rilevanti u l-irtirar mis-suq, ma humiex manifestament mhux idonei biex iwettqu dan il-għan [27].

73. Minbarra dan, jiena ma nara xejn li jista' jimplika li l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni u l-kalkolu tagħha abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata ma kinux manifestament neċessarji.

74. Miżura tkun neċessarja meta minn fost diversi miżuri adattati biex jinkiseb l-għan, din tirriżulta li tkun lanqas waħda oneruża għall-interess jew beni ġuridiku kkonċernat [28].

75. Ma għandux ikun ikkontestat li, bħala regola, il-leġiżlatur Komunitarju huwa liberu li jeżiġi li l-impriżi li jipproduċu z-zokkor jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor permezz ta' taxxa fuq il-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, jeżistu opinjonijiet divergenti dwar jekk il-modalitajiet mħaddna fil-prattika minn din it-taxxa, b'mod partikolari l-kalkolu tagħha fuq il-bażi — mifruda mill-produzzjoni — tal-kwoti ta' zokkor allokati, kinux neċessarji għat-twettiq ta' dan il-għan.

26 — Ara l-konklużjoniiet tiegħi fil-kawża Azienda Agricola Disarò Antonio *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 62 *et seq*).

27 — Ara l-punti 67 u 68 tal-konluzjonijiet preżenti.

28 — Sentenza Schräder (iċċitata iktar 'il-fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 21).

76. Bil-firda tal-bażi ta' stima tat-taxxa mill-produzzjoni, il-leġiżlatur wera l-intenzjoni tiegħu li jorganizza l-kontribuzzjoni tal-impriżi li jipproduċu z-zokkor għall-finanzjament tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor b'tali mod li tkun tista' tinżamm relazzjoni stabbli bejn tali kontribuzzjoni finanzjarja u l-kwoti ta' zokkor, u li l-ħlas tal-imsemmija kontribuzzjoni finanzjarja jista' jiġi rikjest anki matul is-sena tas-suq. Fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju f'dan il-qasam, dawn il-modalitajiet konkreti tat-taxxa u l-ħtieġa, li tirriżulta minnhom, li l-bażi ta' stima tkun mifruda mill-produzzjoni, ma jagħtu lok għal ebda oġġezzjoni inkwantu n-natura neċessarja tal-miżura.

77. Sensiela ta' argumenti oħra mressqa insostenn tal-allegazzjoni tan-natura mhux neċessarja tat-taxxa, mifruda mill-produzzjoni, għall-finijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, jirrigwardaw ir-relazzjoni speċifika bejn l-infiq tal-Komunità fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u d-dħul ġej minn din it-taxxa fuq il-produzzjoni. F'dan il-kuntest, ġie sostnut b'mod partikolari li d-dħul mit-taxxa fuq il-produzzjoni jeċċedi l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti.

78. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni ġiet stabbilita sabiex l-impriżi li jipproduċu z-zokkor jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż li jsiru fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor.

79. Jekk jirriżulta li l-arranġamenti tat-taxxa fuq il-produzzjoni adottati ġew stabbiliti b'tali mod li, bħala regola, id-dħul għall-Komunità minn din it-taxxa jeċċedi l-infiq li t-taxxa hija intiża li tiffinanzja, ikun hemm lok li jitqiesu manifestament mhux neċessarji u, għaldaqstant, kuntrarji għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

80. Madankollu, f'dan ir-rigward, ma għandux jiġi injorat li skont ġurisprudenza stabbilita, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal-politika agrikola komuni, li timplika stħarriġ ġudizzjarju limitat inkwantu kif din tiġi eżerċitata, tapplika mhux biss għan-natura u għall-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, iżda wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tal-fatti elementari [29].

81. Fil-Komunikazzjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew tal-14 ta' Lulju 2004 [30], il-Kummissjoni stmat l-infiq magħmul mill-Komunità wara r-riforma fis-settur taz-zokkor għal madwar EUR 1 540 miljun

29 — Ara s-sentenzi Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 121); tal-25 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kunsill (C-120/99, Ġabra p. I-7997, punt 44); tal-5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kunsill (C-179/95, Ġabra p. I-6475, punt 29); tad-19 ta' Frar 1998, NIFPO u Northern Ireland Fishermen's Federation (C-4/96, Ġabra p. I-681, punti 41 u 42); tad-29 ta' Frar 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-122/94, Ġabra p. I-881, punt 18), u tad-29 ta' Ottubru 1980, Roquette Frères vs Il-Kunsill (138/79, Ġabra p. 3333, punt 25).

30 — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Tfassil ta' mudell agrikolu sostenibbli għall-Ewropa permezz tar-riforma fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) — Riforma fis-settur taz-zokkor [traduzzjoni mhux uffiċjali] [KUM(2004) 499 finali, p.12].

fis-sena, liema spiża annwali kienet għalhekk konsistenti mal-infiq attwali. Fl-imsemmija komunikazzjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-ispejjeż għall-miżuri l-ġodda proposti għal dan is-settur, b'mod partikolari, l-għajnuna diretta mifruda lill-bdiewa li kienet tifforma l-ispiża prinċipali tagħhom, kienet ser tiġi kumpensata permezz ta' tfaddil magħmul bissaħħa ta' tnaqqis qawwi tal-ispejjeż konnessi mar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, kif ukoll permezz tat-tneħħija tar-rifużjonijiet fuq il-produzzjoni li minnhom kienu bbenefikaw is-setturi tal-kimika u tal-farmaċewtika, u tal-għajnuna għall-irfinar. Meta l-miżuri proposti għas-settur taz-zokkor jkunu ġew implementati kollha kemm huma, l-għajnuna diretta għad-dħul jkollha spiża ta' EUR 1 340 miljun, filwaqt li l-infiq konness mar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għaz-zokkor u mar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għaz-zokkor misjub fil-prodotti pproċessati esportati kien ser jammonta għal madwar EUR 100 miljun fiż-żewġ każijiet. Fil-proposta tagħha — ftit mibdula — għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [31], il-Kummissjoni reġgħet enfasizzat li r-riforma proposta kienet newtrali mill-aspett ta' nfiq. L-għajnuna diretta mifruda lill-bdiewa, li l-ispiża tagħha kienet ser tammonta għal EUR 1 542 miljun fis-sena, reġgħet kienet identifikata bħala l-iktar element importanti.

82. Minbarra dan, min-nota tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 2005, imressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali bħala anness, li fiha sommarju tabulari tal-konsegwenzi finanzjarji tar-riforma fis-settur taz-zokkor, jirriżulta li l-Kunsill ukoll kien qed jistenna li mis-sena tas-suq 2007/2008 'il quddiem, l-ammont ta' infiq kien ser ikun bejn EUR 1 550 miljun u EUR 1 600 miljun, filwaqt li l-ispejjeż tal-għajnuna diretta għad-dħul kienu stmati li jammontaw għal EUR 1 542 miljun għal kull sena tas-suq.

83. Meta din l-istima tal-infiq titqabbel mal-konsegwenzi finanzjarji tat-taxxa fuq il-produzzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, jidher immedjatament b'mod ċar ħafna li l-ammont totali ta' din it-taxxa huwa ferm inqas mill-istimi annwali tal-infiq tal-Komunità fis-settur taz-zokkor [32]. Għaldaqstant, referenza għas-sentenza Zuckerfabrik Jülich [33] ma hijiex opportuna. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li tadotta interpretazzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni— li kienet applikabbli dak iż-żmien — li tagħti lok għar-riskju li t-taxxi

31 — KUM(2005) 263 finali, punt 5 tal-memorandum ta' spjega.

32 — L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 318/2006 jiffissa l-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni għal EUR 12 għal kull tunnellata ta' zokkor u ta' ġulepp tal-inulina u għal EUR 6 għal kull tunnellata ta' iżoglukożju. L-anness III tal-imsemmi Regolament jiffissa l-kwoti nazzjonali u reġjonali għal massimu totali ta' 17 440 537 tunnellati għaz-zokkor, 507 680 tunnellati għall-iżoglukożju u 320 718 tunnellati għall-ġulepp tal-inulina. L-anness IV jiffissa l-kwoti addizzjonali taz-zokkor għal massimu totali ta' 1 100 000 tunnellati għaz-zokkor u 103,000 tunnellati għall-iżoglukożju. L-ammont totali ta' taxxa fuq il-produzzjoni li għandha tiġi mħallsa mill-impriżi kollha li jipproduċu z-zokkor tammonta għalhekk għal madwar EUR 230 miljun, anki jekk ma jittieħdux inkunsiderazzjoni it-tneħħija tal-kwoti li saru minn dak iż-żmien s'issa.

33 — Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23.

dovuti lill-Komunità setgħu jeċċedu l-infiq li huma kienu intiżi li jkopru.

84. F'dan il-kuntest, l-argument imressaq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jipprovdi li t-taxxa fuq il-produzzjoni ma hijiex intiża li tiffinanzja l-għajnuna diretta għad-dħul u għalhekk teċċedi l-infiq l-ieħor magħmul mill-Komunità fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, għandu jiġi miċħud bl-istess intensità. Indipendentament mill-kwistjoni dwar jekk, mill-aspett baġitarju, l-infiq tal-Komunità bħala għajnuna diretta mifruda lill-bdiewa fis-settur taz-zokkor għandu jiġi kwalifikat bħala "infiq li jsir fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor", mill-istorja ta' kif ġie abbozzat ir-Regolament Nru 318/2006, jirriżulta b'mod ċar li minn issa 'il quddiem, l-infiq tal-Komunita fis-settur taz-zokkor kien ser jiffoka prinċipalment fuq din l-għajnuna diretta. Fir-rigward ta' dan il-kuntest, l-għan imsemmi fil-premessa 19 tar-Regolament Nru 318/2006 għandu jiġi mifhum fis-sens li t-taxxa inkwistjoni kienet intiża wkoll li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-infiq magħmul għall-għajnuna diretta mifruda.

85. Fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena tal-fehma li l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni u l-kalkolu tagħha abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata ma humiex manifestament mhux neċessarji għat-twettiq tal-għan imfittex mil-leġiżlatur Komunitarju li l-impriżi li jipproduċu z-zokkor għandhom ikunu obbligati jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-infiq tal-Komunità fis-settur taz-zokkor.

86. Fl-aħħar nett, ir-rapport bejn l-għanijiet imfittxija u l-inkonvenjenzi kkawżati lanqas ma hija manifestament sproporzjonata.

87. F'dan ir-rigward, il-kritika prinċipali mressqa hi li jekk il-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni jsir abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata, dan iwassal għal impożizzjoni parzjali ta' taxxa fuq zokkor li, fil-fatt, ma jeżistix, jekk — bħal fil-kawża prinċipali — il-produzzjoni ma teċċedix il-limitu ta' produzzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi prodott zokkor suġġett għal kwota li jeċċedi l-limitu ta' produzzjoni, iz-zokkor suġġett għall-kwota li jiġi mgħoddi mas-sena tas-suq ta' wara ikun intaxxat darbtejn. Finalment, jekk jiġi klassifikat mill-ġdid bħala zokkor industrijali, l-ammont ta' taxxa fuq il-produzzjoni, li jibqa' fl-istess livell, ikun eżaġeratament għoli.

88. Jiena mhux konvint b'dawn l-argumenti.

89. Fattur komuni bejniethom huwa li jipprevedu l-konsegwenzi tal-impożizzjoni tat-taxxa esklużivament fir-rigward

taz-zokkor suġġett għal kwota li jkun ġie irtirat mis-suq. B'hekk, huma ma jieħdux inkunsiderazzjoni l-fatt li meta eżerċita s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu, il-leġiżlatur Komunitarju qies it-taxxa fuq il-produzzjoni bħala taxxa fuq il-kwoti li hija indipendenti mill-produzzjoni. Għalhekk, in-natura mhux sproporzjonata ta' din it-taxxa ma tistax tiġi kkontestata b'riferiment għall-konsegwenzi tagħha għal kategorija sekondarja, relattivament żgħira, ta' zokkor suġġett għall-kwota, jiġifieri z-zokkor suġġett għal kwota affettwat mill-irtirar mis-suq. B'hekk, l-istħarriġ tan-natura mhux sproporzjonata għandu jsir bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha marbuta mat-taxxa fuq il-kwoti, indipendentament mill-produzzjoni, fil-kuntest ġenerali ta' din is-sistema.

90. Peress li l-leġiżlatur Komunitarju adotta l-kwota ta' zokkor allokata bħala l-bażi ta' stima tat-taxxa fuq il-produzzjoni, huwa daħħal sistema ta' taxxi li fiha t-taxxi jiġu imposti abbażi tat-totalità tal-kwota ta' zokkor anki meta din ma tintużax kollha. Il-kwota tista' ma tintlaħaqx mhux biss minħabba ħsad ħażin, problemi oħra jew għażla ekonomika ħielsa tal-impriża li tipproduċi z-zokkor, iżda wkoll minħabba deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna l-irtirar taz-zokkor mis-suq għal sena tas-suq partikolari.

91. Meta impriża li tipproduċi z-zokkor ma tistax tuża l-kwota ta' zokkor kollha tagħha jew meta ma tkunx awtorizzata li tagħmel dan, hija tkun tista' tbiegħ inqas zokkor bil-prezz tas-suq jew tiddisponi minnu billi tbiegħu lill-entitajiet nazzjonali ta' intervent [34]. Peress li t-taxxa hija bbażata fuq il-kwota u mhux fuq l-ammont ta' zokkor effettivament mibjugħ, l-ammont tagħha jibqa' kostanti anki jekk id-dħul tal-impriżi li jipproduċu z-zokkor ġej mill-bejgħ taz-zokkor tagħhom jonqos.

92. Għalkemm huwa minnu li dan il-fatt jista' effettivament jikkostitwixxi żvantaġġ finanzjarju għall-impriżi li jipproduċu z-zokkor, dan l-inkonvenjent ma huwiex manifestament sproporzjonat meta mqabbel mal-għan imfittex mil-leġiżlatur Komunitarju li l-impriżi li jipproduċu z-zokkor għandhom ikunu obbligati jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż involuti fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor permezz ta' kontribuzzjoni li titħallas bil-quddiem u li hija, kemm jista' jkun, kostanti.

93. Meta jintiżnu dawn l-interessi, ma għandux jiġi minsi, b'mod partikolari, li permezz tar-riforma fl-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, żdiedet ukoll l-għajnuna diretta mifruda mill-produzzjoni għad-dħul agrikolu [35]. Fil-kuntest ġenerali tal-organizzazzjoni komuni

34 — àkont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 318/2006, il-prezz ta' intervenzjoni għaz-zokkor suġġett għall-kwota jammonta għal 80 % tal-prezz ta' referenza applikabbli għas-sena tas-suq ta' wara. Din il-possibilità ta' intervenzjoni hija limitata kemm fil-ħin, għas-snin tas-suq 2007/2008 sa 2009/2010, kif ukoll fil-volum, għall-kwantità totali ta' 600 000 tunnellata, għall-Komunità kollha, għall-kull sena tas-suq.

35 — Ara l-punt 40 tal-konklużjonijiet preżenti.

tas-swieq fis-settur taz-zokkor, it-taxxa mifruda mill-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, b'hekk taqbel mal-approċċ fundamentali tar-riforma fl-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor.

94. Minbarra dan, analiżi numerika tal-konsegwenzi li jirriżultaw meta ma tintlaħaqx il-kwota ta' zokkor fuq ir-relazzjoni bejn it-taxxa dovuta mill-impriżi li jipproduċu z-zokkor u d-dħul li dawn jagħmlu mill-bejgħ ta' zokkor suġġett għal kwota turi biċ-ċar li n-natura kostanti tat-taxxa ma tirriżultax f'impożizzjoni sproporzjonata għal dawn l-impriżi. Fil-fatt, mil-kalkoli tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali stess, jirriżulta li anki fil-każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża preżenti, fejn il-Kummissjoni ordnat irtirar mis-suq radikali meta ffissat il-perċentwali ta' rtirar għal 13.5 %, meta jintlaħaq il-limitu ta' produzzjoni, it-taxxa tiżdied biss minn EUR 12 għal kull tunnellata zokkor suġġett għal kwota mpoġġi fuq is-suq għal EUR 13.87 għal kull tunnellata. Meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-prezz ta' referenza għas-sena tas-suq 2007/2008 — li huwa preċiżament dak li l-irtirar mis-suq kien intiż li jiggarantixxi — ta' EUR 631.90 għal kull tunnellata, iż-żieda fit-taxxa għal kull tunnellata zokkor suġġett għal kwota mpoġġi fuq is-suq ma tatx lok għal impożizzjoni sproporzjonata għall-impriżi li jipproduċu z-zokkor, peress li dawn tal-aħħar jistgħu jeżiġu, konformament mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 318/2006, lill-produtturi tal-pitravi, tal-kannamiela jew taċ-ċikwejra li jħallsu sa 50 % tat-taxxa fuq il-produzzjoni korrispondenti [36].

95. Fid-dawl ta' dak li ntqal, jiena nikkonkludi li kemm l-impożizzjoni kif ukoll il-kalkolu tat-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata ma humiex, fir-rigward tal-għan ta' din it-taxxa, u meta tittieħed inkunsiderazzjoni s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal-politika agrikola komuni, la manifestament mhux idonei, la manifestament mhux neċessarji, u lanqas manifestament sproporzjonati. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 huwa għalhekk konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. Ksur allegat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

a) Nuqqas, fit-talba għal deċiżjoni preliminari, li jiġi identifikat b'mod espliċitu l-ksur allegat

96. Għalkemm, permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi espliċitament lill-Qorti tal-Ġustizzja

36 — Minbarra dan, matul is-seduta, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkonfermat li hija kienet għamlet użu minn din il-possibilità li tobbliga lill-bdiewa li jikkontribwixxu għall-finanzjament tat-taxxa fuq il-produzzjoni.

dwar il-konformità tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 34 KE, id-digriet ta' rinviju ma fih ebda analiżi jew deskrizzjoni espliċità tal-fatti jew tad-dubji li wassluha li tagħmel din id-domanda. F'dawn iċ-ċirkustanzi, la l-Kunsill u lanqas il-Kummissjoni ma eżaminaw id-domanda dwar jekk il-kalkolu u l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni, mifruda mill-produzzjoni, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 jistgħux imorru kontra l-prinċipju ta' trattament uġwali.

97. Madankollu, jiena tal-fehma li din il-kwistjoni ma għandhiex tiġi injorata fil-kawża preżenti.

98. L-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li d-deskrizzjoni fil-qosor fid-digriet ta' rinviju, li tirreferi għall-pożizzjoni u l-argumenti tal-konvenuta fil-kawża prinċipali, fiha werrej importanti għad-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-possibbilità ta' ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Il-qorti tar-rinviju tirrileva, b'mod partikolari, li skont il-konvenuta fil-kawża prinċipali, "definittivament ma huwiex aċċettabbli [...] li impriża tkun tista' tipproduċi zokkor suġġett għall-kwota biss sa ċertu limitu ta' produzzjoni li jiddependi mill-Istat Membru li fih hija tkun stabbilita, filwaqt li jkollha tħallas it-taxxa fuq il-produzzjoni, indipendentament minn tali limitu, fuq il-kwota kollha allokata lilha". Minn din id-deskrizzjoni jirriżulta b'mod ċar li anki l-konvenut fil-kawża prinċipali allega l-possibilità ta' ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali ġej mill-fatt li l-limiti ta' produzzjoni għandhom varjazzjonijiet reġjonali, filwaqt li t-taxxi fuq il-produzzjoni ġew kalkolati abbażi tal-kwota kollha ta' zokkor allokata, mingħajr riferiment għall-limiti ta' produzzjoni.

99. Wara evalwazzjoni tal-informazzjoni misjuba fid-digriet ta' rinviju, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jista', b'mod partikolari, jirriżulta minħabba l-fatt li l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 290/2007 jistabbilixxi limitu ta' produzzjoni differenti skont ir-reġjuni, filwaqt li t-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 hija stabbilita skont il-kwota ta' zokkor u, għaldaqstant, indipendentamant mill-produzzjoni, bir-riżultat li l-piż tat-taxxa fuq il-produzzjoni għall-impriżi jista' jvarja skont in-nazzjonalità tagħhom. Minħabba f'dan, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u r-Repubblika tal-Litwanja esprimew l-istess dubji [37].

100. Fid-dawl ta' dak li ntqal, jiena nikkunsidra li fil-kuntest tal-proċedura preliminari preżenti, minkejja n-nuqqas ta' preċiżjoni fit-talba għal deċiżjoni preliminari, għandha tiġi eżaminata wkoll il-kwistjoni dwar il-possibilità ta' ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Għal dan il-għan, jiena ser nittratta, l-ewwel nett, il-kwistjoni dwar il-kriterju li għandu jiġi applikat fil-kuntest tal-istħarriġ tal-ksur allegat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni. Wara dan, jiena ser nanalizza jekk in-natura mifruda mill-produzzjoni

37 — Ara l-punt 33 tal-konklużjonijiet preżenti.

tat-taxxa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, flimkien mal-varjazzjoni reġjonali fil-limiti ta' produzzjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 290/2007, għandhomx ikunu kkunsidrati bħala ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

b) Kriterju għal analiżi

101. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn produtturi jew konsumaturi tal-Komunità, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, jeħtieġ li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament ġustifikat [38].

102. Differenza fit-trattament hija ġġustifikata meta din tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġjonevoli, jiġifieri meta din tkun marbuta ma' għan legalment ammissibbli mfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u meta din id-differenza tkun fi proporzjon mal-għan imfittex permezz tat-trattament ikkonċernat [39].

103. Diġà fakkart iktar 'il fuq li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-qasam tal-politika agrikola komuni l-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa [40]. Din is-setgħa diskrezzjonali għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE [41].

104. Għalhekk, jekk jirriżulta li miżura Komunitarja fil-qasam tal-politika agrikola komuni tinvolvi trattament mhux ugwali ta' produtturi tal-istess prodott fl-Istati Membri differenti, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jillimita ruħhu għall-verifika dwar jekk id-differenza fit-trattament tippreżentax rabta suffiċjenti ma' għan leġittimu u jekk hijiex manifestament sproporzjonata fir-rigward ta' dak il-għan.

38 — Permezz ta' ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni li tinsab fl-Artikolu 34(2) KE hija espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza li jifforma parti mill-prinċipji fundamentali tad-dritt Komunitarju; ara, bħala eżempju, is-sentenzi Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 46) u tal-11 ta' Lulju 2006, Franz Egenberger (C-313/04, Ġabra p. I-6331, punt 33).

39 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et.* (C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 — Ara l-punti 61 *et seq* tal-konklużjonijiet preżenti.

41 — Ara s-sentenza Unitymark u North Sea Fishermen's Organisation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 57). Dwar dan il-punt, ara wkoll, X. Groussot, General Principles of Community Law, Groningen 2006, p. 167 *et seq*; G. Thiele, C. dans Calliess, M. et Ruffert, (éd.), EUV/EGV, it-3 Edizzjoni, Munich 2007, "Art. 34 EGV", punt 57; R Barents, "Recent developments in community case law in the field of agriculture", CML Rev. 1997, p. 811, 840 *et seq*.

c) Analiżi tal-ksur allegat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

105. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006, it-taxxa fuq il-produzzjoni li tammonta għal EUR 12 għal kull tunnellata hija imposta fuq it-totalità tal-kwota ta' zokkor li tkun ġiet allokata lill-impriża li tipproduċi z-zokkor. Għalhekk, il-bażi ta' stima ta' din it-taxxa tinkludi wkoll il-parti tal-kwota li ma setgħetx tintuża minħabba irtirar mis-suq skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 meħuda flimkien ma' dik tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 290/2007 [42].

106. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 290/2007 jistabbilixxi l-perċentwali ta' rtirar għas-sena tas-suq 2007/2008 għal 13.5 %. Il-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 1(2) tal-istess Regolament ibiddel din il-perċentwali ta' rtirar f'limitu ta' produzzjoni [43]. Sussegwentement, l-Artikolu 1(2)(ċ) tal-imsemmi regolament jipproċedi biex jagħmel distinzjoni reġjonali fir-rigward ta' dan il-limitu ta' produzzjoni, peress li l-impriżi li jipproduċu z-zokkor li jkunu stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri fejn ta' lanqas 50 % tal-kwota nazzjonali ta' zokkor tagħhom tkun ġiet illiberata mill-1 ta' Lulju 2006 bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti skont ir-Regolament Nru 320/2006, huma eżenti mill-irtirar mis-suq. Għall-Istati Membri li fihom inqas minn 50 % tal-kwota nazzjonali ta' zokkor tagħhom tkun ġiet irrilaxxjata mill-1 ta' Lulju 2006 bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti, il-perċentwali tal-irtirar prevista mill-ewwel paragrafu titnaqqas bi proporzjon mal-kwoti rrilaxxjati.

107. Bħala konsegwenza ta' din il-varjazzjoni reġjonali, il-perċentwali ta' rtirar għas-sena tas-suq 2007/2008 tnaqqset għal 10.53 % għal Spanja, 10.26 % għall-Iżvezja, 7.29 % għar-Repubblika Ċeka, 6.21% għall-Ungerija, 4.32 % għall-Islovakkja u 3.24 % għall-Finlandja filwaqt li ebda irtirar ma seħħ fil-Greċja, fl-Italja u fil-Portugal [44]. Dan it-tnaqqis fil-perċentwali ta' rtirar involva żieda korrispettiva fil-limiti ta' produzzjoni applikabbli f'dawn l-Istati Membri.

108. Skont dawn iċ-ċifri, il-varjazzjoni reġjonali tal-perċentwali ta' rtirar mis-suq wasslet biex il-miżura li fiha l-impriżi li jipproduċu z-zokkor kienu awtorizzati jużaw il-kwoti ta' zokkor tagħhom matul is-sena tas-suq 2007/2008 kienet tiddependi, b'mod partikolari, mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu dawn kienu stabbiliti. Minnaħa l-oħra, it-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 kienet imposta b'mod uniformi fil-Komunità kollha abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata, indipendentament mill-perċentwali ta' rtirar mis-suq applikabbli u l-limitu ta' produzzjoni korrispondenti.

42 — Ara l-punt 57 tal-konklużjonijiet preżenti.

43 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13 tal-konklużjonijiet preżenti.

44 — Anness għar-Regolament Nru 290/2007.

109. Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta direttament li l-parti mit-taxxa fuq il-produzzjoni mħallsa mill-impriżi li tikkorrispondi għall-parti tal-kwota tagħhom li kienet suġġetta għal irtirar preventiv kienet tvarja, fis-sena tas-suq 2007/2008, skont l-Istat Membru li fih huma kienu stabbiliti [45]. F'dan ir-rigward, l-impriżi li forsi kienu jinsabu f'sitwazzjoni simili, iżda li kienu stabbiliti fit-territorju ta' Stati Membri differenti, ġew trattati b'mod differenti meta ġiet iffissata t-taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006.

110. Madankollu, għad għandu jiġi eżaminat jekk din id-differenza fit-trattament hijiex ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġjonevoli, jiġifieri jekk hijiex intiża li tilħaq għan legalment ammissibbli, u jekk hijiex proporzjonata meta mqabbla ma' dan l-għan.

111. Biex tiġġustifika l-varjazzjoni reġjonali tal-perċentwali ta' rtirar mis-suq u l-limiti ta' produzzjoni korrispondenti, il-premessa 8 tar-Regolament Nru 290/2007 tenfasizza, l-ewwel nett, li l-limitazzjonijiet marbuta mal-irtirar mis-suq jistgħu jkollhom konsegwenzi ekonomiċi serji għall-impriżi fl-Istati Membri li għamlu sforzi partikolari fil-kuntest tas-sistema ta' ristrutturar stabbilta mir-Regolament Nru 320/2006. Wara dan, hija tipprovdi li tali effett huwa kuntrarju kemm għall-għan ta' din is-sistema u għal dik tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, li hija intiża li tiggarantixxi l-vijabilità u l-kompetittività ta' dan is-settur.

112. Analiżi opportuna tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-premessa 8 tar-Regolament Nru 290/2007 turi li t-tnaqqis fil-perċentwali ta' rtirar mis-suq u ż-żieda korrispondenti fil-limitu ta' produzzjoni f'ċerti Stati Membri, huma intiżi li jieħdu inkunsiderazzjoni l-isforzi magħmula minn dawn l-Istati Membri fir-rigward tat-tneħħija definittiva tal-kwoti. Peress li, skont il-fehma tal-Kummissjoni — li tirriżulta mill-premessa 8 tar-Regolament Nru 290/2007 —, din it-tneħħija ta' kwoti nazzjonali u r-ristrutturar korrispondenti taw lok għal ambjent ekonomiku nazzjonali li fih applikazzjoni mingħajr restrizzjonijiet tal-mekkaniżmu ta' rtirar mis-suq u tal-limiti ta' produzzjoni korrispondenti tippreġudika l-vijabilità u l-kompetittività tal-impriżi li baqgħu jipproduċu z-zokkor — u, għaldaqstant, tal-produtturi tal-pitravi [46] — l-Artikolu 1(2)(ċ) tar-Regolament Nru 290/2007 naqqas il-perċentwali ta' rtirar mis-suq għall-Istati Membri kkonċernati — u għaldaqstant, finalment, għall-impriżi li jipproduċu z-zokkor

45 — Fir-rigward ta' din il-konstatazzjoni ta' trattament mhux ugwali fir-rigward tal-parti tal-kwota ta' zokkor affettwata mill-irtirar u suġġetta għal taxxa, ara s-sentenza Agrana Zucker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 49).

46 — F'dan ir-rigward il-premessa 35 tar-Regolament Nru 318/2006 tenfasizza wkoll li fl-Istati Membri fejn jitnaqqsu sostanzjalment il-kwoti ta' zokkor, il-produtturi tal-pitravi ser jaffaċċjaw problemi ta' adattazzjoni partikolarment serji peress li l-għajnuna tranżitorja mogħtija mill-Komunità lill-produtturi tal-pitravi mhijiex biżżejjed biex tindirizza l-problemi kollha tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont l-imsemmija premessa, l-Istati Membri li jnaqqsu l-kwoti tagħhom għal iktar minn 50% għandhom ikunu awtorizzati li jagħtu lill-produtturi tal-pitravi għajnuna mogħtija mill-Istat matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-għajnuna tranżitorja mogħtija mill-Komunità.

li huma stabbilti hemmhekk — u, minħabba f'hekk, żied il-limitu ta' produzzjoni.

113. Fid-dawl tal-problemi strutturali ta' aġġustament li jħabbtu wiċċhom magħhom l-impriżi li jipproduċu z-zokkor f'ċerti Stati Membri fil-kuntest tar-riforma fis-settur taz-zokkor, meta l-Kummissjoni tiffissa l-perċentwali ta' rtirar għas-sena tas-suq 2007/2008 b'mod iddiverenzat skont ir-reġjuni, hija tissodisfa b'hekk l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 33(2)(a) KE li, fit-tfassil tal-politika agrikola komuni, tieħu inkunsiderazzjoni l-karattru partikolari tal-attività agrikola li, fost affarjiet oħra, jirriżulta mid-disparità strutturali u naturali ta' bejn id-diversi reġjuni agrikoli.

114. Għalhekk, jiena nikkonkludi li l-varjazzjoni reġjonali fil-perċentwali ta' rtirar mis-suq u fil-limiti ta' produzzjoni korrispettivi, kif ukoll it-trattament differenti li jirriżulta minn tali varjazzjoni għall-impriżi li jipproduċu z-zokkor li jinsabu forsi f'sitwazzjonijiet simili, iżda li huma stabbiliti fit-territorju ta' Stati Membri differenti, huma intiżi li jilħqu għanijiet leġittimi.

115. Minbarra dan, jiena tal-fehma li dan it-trattament mhux ugwali ma huwiex manifestament sproporzjonat meta mqabbel mal-għan li huwa intiż li jilħaq.

116. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari li, skont l-Artikolu 1(2)(ċ) tar-Regolament Nru 290/2007, il-perċentwali ta' rtirar tnaqqset proporzjonalment mal-kwoti rrilaxxjati, filwaqt li ma kien hemm ebda rtirar mis-suq fl-Istati Membri li fihom għall-inqas 50 % tal-kwota nazzjonali ta' zokkor tagħhom ġiet irrilaxxjata. B'mod partikolari, din in-natura varjabbli tal-gradwazzjoni reġjonali tal-perċentwali ta' rtirar u tal-limiti korrispettivi ta' produzzjoni hija indikazzjoni ċara tan-natura ekwilibrata ta' din is-sistema, fejn kienu biss l-impriżi li jipproduċu z-zokkor stabbiliti fl-Istati Membri li fihom kienet naqqset sostanzjalment il-kapaċità produttiva taz-zokkor, għal iktar minn 50 %, u fejn għalhekk is-settur taz-zokkor kien qed jgħaddi minn tibdil radikali, li kienu eżenti kompletament mill-irtirar mis-suq.

117. Fir-rigward tas-setgħa diskrezzjonali li għandha jkollha l-Kummissjoni fil-kuntest tat-tfassil tal-organizzazzjoni tas-sistema tal-irtirar mis-suq, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi snin tas-suq, ma nista' nidentifika ebda evidenza li timplika ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

118. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jwassluni biex nikkonkludi li l-kalkolu ta' taxxa fuq il-produzzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006 abbażi tal-kwota ta' zokkor allokata ma jagħtix lok għall-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza, minkejja l-varjazzjoni reġjonali fis-sistema

ta' irtirar mis-suq u d-differenza riżultanti fit-trattament fir-rigward ta' impriżi li għalkemm jinsabu forsi f'sitwazzjoni simili, ikunu stabbiliti fi Stati Membri differenti.

119. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE ma nkisirx.

VII — Konklużjoni

120. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill- Verwaltungsgerichtshof:

"1) L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006, tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor għandu jiġi interpretat fis-sens li anki l-parti tal-kwota taz-zokkor li ma tistax tintuża minħabba rtirar mis-suq, b'mod preventiv, skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 meħuda flimkien ma' dik tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2007, tas-16 ta' Marzu 2007, li jistabbilixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwali msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006, għandha tagħmel parti sħiħa mill-kalkolu tal-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni.

2) L-eżami tat-tieni domanda ma wera ebda fattur li jista' jaffetwa l-validità tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 318/2006."